374

# RIŻOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' PROPRJETÀ

**IS-SEGRETARJU PARLAMENTARI RESPONSABBLI MILL-IPPJANAR U S-SIMPLIFIKAZZJONI AMMINISTRATTIVA FL-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU** tipproponi illi l-Kamra tad-Deputati tapprova din ir-Riżoluzzjoni:-

BILLI hija politika tal-Gvern li jheġġeġ proġetti li joħolqu impjiegi sostenibbli li jagħtu spinta ekonomika u infrastrutturali lill-pajjiż u partikolarment proġetti li jeżiġu r-rijabilitazzjoni u r-rigenerazzjoni ta' zoni adatti sabiex fihom isir l-irmigg ta' bastimenti ta' lussu li huma magħrufin li jiġġeneraw attivita' ekonomika sostanzjali;

U BILLI Transport Malta ħarġet Sejħa għall-Proposti għall-Izvilupp, Thaddim u Mmaniġjar ta' Yacht Marina f'Sa Maison.

U BILLI l-artijiet li fuqhom huwa prospettat li jsir il-progett ta' Yacht Marina ghall-iskop fuq imsemmi huma artijiet proprjeta' tal-Gvern u sabiex jigi mwettaq dak maħsub fis-Sejħa għall-Proposti maħruġa minn Transport Malta huwa mpliċitu li l-Gvern jiddisponi b'titolu ta' enfitewsi temporanja min dawn l-artijiet għal żmien ħamsa u ghoxrin (25) sena.

U BILLI huwa propost illi din il-konċessjoni ssir favur il-Kumpannija Marina di Valletta Limited, liema kumpannija ntagħżlet minn Kumitat imwaqqaf apposta biex jevalwa l-proposti, dwar is-sit konsistenti minn binjiet u strutturi fil-limiti tal-Pieta' ta' kejl ta' circa 4105 metru kwadru kif indikati fil-pjanta annessa ma' dina r-rizoluzzjoni u biċ-ċens u taħt il-kundizzjonijiet kif deskritti aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati u prezentat ma din il-Mozzjoni;

U BILLI l-Gvern iqis l-izvilupp, thaddim u immaniggjar ta' marina f'Sa Maison bħala parti integrali minn żvilupp sostenibbli biex jippromwovi użu aħjar ta' bini tal-Gvern u dan sabiex jattira nvestiment lejn Malta ta' turizmu specjalizzat. Fl-istess ħin ser jingħata nifs ġdid lil dan is-sit b'użu li jkun sinonimu ma' l-użu oriġinali ta' dan is-sit fil-qasam marittimu;

U BILLI huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 268), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U BILLI huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

GHALHEKK huwa b'dan riżolut li s-Sit konsistenti minn binja u l-art ta' kejl ta' madwar 4105 metru kwadru f'Sa Maison, limiti ta' Pieta' kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-kuntratt li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra , tiġi konċessa b'titolu ta' eniftewsi temporanja għal żmien ta' ħamsa u ghoxrin (25) sena, u għall-iskop u skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

7/7/2016

**SEGRETARJU PARLAMENTARI RESPONSABBLI MILL-IPPJANAR U S-SIMPLIFIKAZZJONI AMMINISTRATTIVA FL-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**